# Ġimgħa oħra jkollna magħna lill-Isqof tagħna għall-Viżta Pastorali




**INĦEĠĠIĠKOM KOLLHA:** familji bit-tfal u żgħażagħ, adulti u anzjani, nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar, għall-quddiesa tal-9.45am biex fiha nilqgħu lill-Isqof tagħna Anton li ġej iżurna għal ġimgħa sħiħa.

**NITĦEJJEW BIT-TALB** għal din il-miġja speċjali tal-Isqof billi niltaqgħu nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar għall-quddiesa tas-6.30pm u dritt wara nibqgħu miġbura għal velja ta' talb flimkien ħalli, matul din il-viżta pastorali, il-Mulej isawwab fuqna u fuq il-parroċċa tagħna l-grazzji kollha li neħtieġu.

**NILQGĦU FI DJARNA** l-kopja tal-Evanġelju skont San Luqa li qed titqassmilna bħala rigal għal kull familja fil-parroċċa tagħna.




Għalfejn qed jingħatalna dal-ktejjeb u x'nistgħu nagħmlu bih? Żgur li mhux tajjeb biex iżejjen l-ixkafef ta' djarna għax żgħir wisq. Imma nistgħu nsibuh utli ħafna jekk fil-bidu ta' din is-sena l-ġdida npoġġuh fil-kċina jew ħdejn is-sodda u ta' kull filgħodu nieħdu d-drawwa li naqraw ftit versi minnu. Jien nemmen li jkun aktar jaqblilna jekk nibdew il-ġurnata billi naraw kif Alla jrid idawlilna moħħna bil-Kelma tiegħu, milli nintefgħu mill-ewwel għal dak li jridu l-oħrajn minna, b'ħafna għaġla għax-xogħol u l-ġiri ta' kuljum.

**NIRRINGRAZZJAW** lil kull min għen fl-organizzazzjoni u lid-diversi voluntiera tagħna li ħadu l-impenn iqassmu l-programm sħiħ tal-viżta pastorali.

Importanti li **NAGĦTU KAS** tal-appuntamenti kollha u nagħmlu mezz biex nattendu għal dawk li jinteressawna direttament, skont it-tqassim tal-gruppi kif indikati. Hekk kollha kemm aħna se jkollna ċans niltaqgħu mal-Isqof b'mod personali u hu min-naħa tiegħu jara l-ħidma kollha li ssir minn kull grupp fil-parroċċa tagħna, u jifhem aħjar kif jista' jkun aktar ta' għajnuna għalina. Se jkun hemm ukoll ċans għal min jixtieq ikellmu b'mod privat fil-limitu tal-ħinijiet indikati fil-programm u skont il-bookings li jsiru fl-uffiċċju parrokkjali matul dawn il-jiem.

**Talba għall-Viżta Pastorali**

O Ġesù, ix-xewqa tiegħek li toqgħod magħna wasslitek biex issir bniedem bħalna. U meta waslet is-siegħa tiegħek int ħabbejtna tant li għażilt li tibqa' magħna fil-Ħobż u fl-Inbid.

F'din is-sena tal-Ġublew, iftħilna qalbna biex nilqgħu ż-Żjara tiegħek fil-komunità parrokkjali tagħna. Kun il-faraġ tal-morda u tal-imnikktin, u l-wens tal-anzjani. Ieqaf mal-familji li għaddejjin minn diffikultajiet ta' relazzjonijiet, mard gravi jew mewt. Agħti qawwa u kuraġġ lill-ġenituri fil-ħidma diffiċli tat-trobbija. Ħares lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ minn kulma jista' jgħarrqilhom ħajjithom. Kompli agħti qalb kbira lis-saċerdoti tagħna biex jissoktaw iwassluk fostna bi kliemhom u b'ħajjithom.

Għall-interċessjoni ta' Ommok Marija u tal-qaddisin tagħna Pietru u Pawlu, agħtina li nilqgħu u napprezzaw dejjem aktar din l-għotja tiegħek għalina fl-Ewkaristija.

Ammen.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am